

5 - Reati żgħar

X'inhi l-piena normali għar-reati tat-traffiku fit-triq?

Jekk inti tkun akkużat li wettaqt xi reat żgħir tat-traffiku fit-triq, il-piena normali hija multa. Jekk twaqqaft minn pulizija fuq il-post u tammetti r-reat, dan jista' jagħtik avviż ta' multa.

X'jiġri jekk niċħad ir-reat?

Jekk tiċħad li wettaqt xi reat, wara l-investigazzjoni kriminali mill-pulizija l-kwistjoni tgħaddi f'idejn prosekutur biex jiddeċiedi dwar jekk iħarrkekk. Imbagħad, jekk jinbdew il-proċeduri kriminali, ikun hemm smiġħ fil-qorti distrettwali. Normalment ma tkunx intitolat għal avukat difensur pubbliku f'dawn il-każijiet. Min-naħa l-oħra, inti tista' tqabbad avukat bi spejjeż tiegħek, u jkollok interpretu jekk ma titkellimx bil-lingwa tal-pajjiż.

X'jiġri fil-każ ta' reati tat-traffiku fit-triq aktar serji?

Jekk inti tkun issuspettat li wettaqt reati aktar serji tat-traffiku fit-triq, pereżempju każ serju ta' sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol (aktar minn 100 milligramma għal kull millilitru), is-sentenza normali tkun mill-inqas xahar priġunerija. Jekk il-prosekutur jemmen li jista' juri li inti ħati, il-każ dejjem jitressaq quddiem il-qorti. Tista' tkun intitolat għal avukat difensur pubbliku.

Links relatati

[Il-Pulizija Svediża](#)

■ L-aħħar aġġornament: 26/11/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.